**1 ta' Settembru, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Charles Chircop

## Kwistjoni Ċivili Inċidentali għar-Risoluzzjoni ta' Vertenza Penali

*Meta xi kwistjoni ta' indoli ċivili tkun tirrikjedi indaġini approfondita, il-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali għandhom is-setgħa li jissoprassjedu sakemm dik il-kwistjoni tiġi determinata mill-Qorti kompetenti; iżda meta l-kwistjoni ma tkunx tirrikjedi xi indaġini approfondita u l-prova tkun tista' ssir faċilment quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, din għandha l-obbligu li tiddetermina kwistjoni ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Charles Chircop talli fix-xhur qabel iċ-ċitazzjoni (li ġġib id-data tal-5 ta'Awissu, 194) ġewwa

l-bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjeta' ta' ħuh Joseph Chircop billi rabat bagi mal-mażżri ta' dan Joseph Chircop;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Frar, 1995 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Charles Chircop ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal "ammonizzjoni u ripressjoni" (*recte*: twiddiba u ċanfira);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Charles Chircop, minnu ppreżentat fit-8 ta' Frar, 1995 stess, li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u l-konsegwenti liberazzjoni tiegħu minn kull ħtija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tal-5 ta' Mejju, 1995 l-appellant, permezz tad-difensur tiegħu, irtira l-ewwel aggravju tiegħu kif miġjub fl-imsemmi rikors;

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu dwar il-preskrizzjoni. Mir-riferti esebiti quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-7 ta' Lulju, 1995 kif ukoll mil-verbali ta' l-udjenzi quddiem l-ewwel Qorti, il-preskrizzjoni trimestrali dejjem ġiet regolarment interrotta. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi respint;

Il-kumplament ta' l-aggravji ta' l-appellant huma redatti b'mod pjuttost konfuż, pero' din il-Qorti tara li dawn jistgħu, mhux mingħajr ċertu diffikulta', jiġu sintetizzati fis-segwenti proposizzjonijiet; (1) oġġetti mqiegħda f'qiegħ il-baħar ma jistgħux

jitqiesu bħala prorpjeta` privata u dan peress li qiegħ il-baħar mhux proprjeta` privata, u per konsegwenza fil-konfront ta' tali oġġetti qatt ma jista' javvera ruħu r-reat kkontemplat fl-artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali; (2) pero` anke jekk hemm dritt ta' proprjeta` fuq tali oġġetti, l-appellant m'għamel xejn li jmur kontra dan id-dritt; (3) l-ewwel Qorti ma kellhiex il-jedd li tiddeċidi dwar il-proprjeta` tal-mażżri in kwistjoni; u (4) l-appellant kellu dritt jagħmel dak li għamel;

Ikkunsidrat ulterjorment:

Jidher mill-provi li l-kwistjoni kollha f'din il-kawża qamet għax Joseph Chircop, ħu l-appellant, ilmenta li l-appellant kien qed jorbot il-bċejjeċ tal-baħar tiegħu ma' bagi, marbutin ma' mażżri f'qiegħ il-baħar fil-bajja ta' San Ġorġ, liema mażżri l-imsemmi Joseph Chircop jikkontendi li huma tiegħu. Issa, indipendentement mid-deposizzjoni tas-Sur Giovanni Demartino, ir-rappreżentant ta' l-Awtorita` Marittima, li xehed dwar permessi ta' rmiġġ fl-imsemmija bajja - għax f'din il-kawża l-imputazzjoni m'hiex ta' irmiġġjar bla permess - il-kwistjoni hi jekk iż-żewġ mażżri humiex ta' Joseph Chircop u jekk l-appellant għamilx vjolazzjoni fil-konfront tagħhom fis-sens ta' l-artikolu 340(d) tal-Kap. 9. Skond dan l-artikolu, ikun ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjeta` kull min "bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni (oħra) kontra l-proprjeta` ta' ħaddieħor ....";

Din il-Qorti ma tara li hemm xejn fil-liġi li ma jippermettix li oġġetti mqiegħda f'qiegħ il-baħar, bħal *del resto* oġġetti f'wiċċ il-baħar, ikunu proprjeta` privata. Anqas m'hu korrett l-appellant meta jikkontendi li l-ewwel Qorti ma kinitx kompetenti li tiddeċidi dwar il-proprjeta` tal-mażżri. Huwa veru li meta xi kwistjoni ta' indoli

ċivili tkun tirrikjedi indaġini approfondita, il-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali għandhom is-setgħa li jissopassjedu sakemm dik il-kwistjoni tiġi determinata mill-Qorti kompetenti, f'liema ipotesi tiskatta d-disposizzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 691 tal-Kodiċi Kriminali; iżda meta l-kwistjoni ma tkunx tirrikjedi xi indaġini approfondita u l-prova tkun tista' ssir faċilment quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, din għandha kull dritt, anzi għandha l-obbligu, li tiddetermina kwistjoni ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali. Infatti l-Qorti Kriminali fl-appell fl-ismijiet **La Polizia *vs* Dr. Benjamino Bonnici *ed*** (3 ta' Ottubru, 1919, Vol. XXIV.IV.927) jidher li kienet impliċitament abbraċċjat il-proposizzjoni tal-Qorti Inferjuri li "le corti di giurisdizione criminale, quantunque non siano competenti a conoscere e giudicare questioni di materia civile, non sono pero` precluse a prendere incidentalmente cognizione di questioni di proprieta` o di possesso, quando tale cognizione e` indispensabile per determinare se un reato sia stato o no commesso, salvo la giurisdizione dei tribunali civili di giudicare in via principale e per gli effetti civili tali questioni di proprieta` o di possesso" (p. 929). Huwa veru li l-Qorti Kriminali, bħala Qorti ta' Appell, kienet f'dak il-każ issoprassjediet u tat xahar żmien lill-appellanti biex jipproponu kawża ċivili quddiem il-Qorti kompetenti biex tiġi determinata l-proprjeta` tat-triq in kwistjoni; pero` meta tali żmien tħalla jiddekorri inutilment, dik il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Inferjuri filwaqt li rriteniet li "non vi e` motivo per dissentire dalle conclusioni della corte di prima istanza; parendo la sentenza *prima facie* giusta ed avendo i citati col non ubbidire al detto decreto reso impossibili un piu` accurato studio della causa" (p. 930);

Kwantu għall-mażżri fil-kawża odjerna, filwaqt li l-appellant jikkontendi li huma tiegħu, ħuh, Joseph Chircop, jasserixxi li dawn

huma tiegħu għax qiegħdhom huwa stess f'posthom, ċjoe` f'qiegħ il-baħar fejn jinsabu llum, fl-1978 u li dawn ilhom irreġistrati mad-Dipartiment tal-Portijiet (illum l-Awtorita` Marittima) mill-1985. Fid-dawl tad-deposizzjoni tas-Sur Demartino li tikkorrobora in parti dak li jgħid l-imsemmi Joseph Chircop, din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiddisturba l-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti dwar ta' min huma l-mażżri in kwistjoni u dwar il-fatt li l-appellant għamel vjolazzjoni fil-konfront tagħhom bi ħsara ta' ħuh;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.